# Francesco Zahra
## (235 sena minn mewtu)

kitba ta' John Dimech



Minkejja ċ-ċokon ta' pajjiżna, matul il-medda tas-snin Malta ma naqsitx li tipproduċi artisti li għamlulha ġieħ mhux biss lokalment imma wkoll fix-xena artistika internazzjonali. Wieħed minn dawn kien bla dubju Francesco Zahra, meqjus bħala wieħed mill-aqwa pitturi tas-seklu tmintax. F'Settembru li għadda, dan il-pittur għalaq 235 sena mejjet, u xieraq li nfakkru ftit episodji mill-ħajja ta' dan l-artist li għamel ġieħ kbir lill-art twelidu.

### Familja ta' artisti

Francesco Vincenzo Zahra twieled l-Isla fil-15 ta' Diċembru 1710, minn Pietro Paolo Zahra u martu Agostina mwielda Casanova. Huwa t-tieni wild ta' din il-familja u fil-magħmudija ġie mogħti l-ismijiet ta' Vincenzo u Francesco, għalkemm hu kien jippreferi jiffirma bħala Francesco. In-nannu tiegħu Antonio, kif ukoll il-bużnannu Matteolo, it-tnejn li huma kienu naġġara fil-ġebel u ħadmu f'ħafna knejjes li hawn madwar Malta. Din is-sengħa tal-iskultura għaddewha lil missier Francesco, Pietro Paolo (1685 - 1747) u kien magħruf ħafna għall-iskultura fil-ġebel u kien jingħata diversi kummissjonijiet biex jnaqqax dekorazzjonijiet fil-knejjes. Wieħed mill-aqwa xogħlijiet tiegħu nsibuh fil-kappella ta' San Ġakbu fiż-Żurrieq, xogħol li kien iddisinjat minnu stess. Dak iż-żmien min kien jagħmel dan ix-xogħol kien magħruf bħala '*scalpellino*' u aktarx li l-familja Zahra baqgħet magħrufa bil-laqam *'Ta' l-Iskalpellin'*. Din is-sengħa ta' skultura



Awto ritratt tal-pittur Francesco Zahra.

għaddiet imbagħad għand l-iżgħar wild tal-familja Zahra, Felice, li tħarreġ bħala skultur fl-injam.

Fis-16 ta' Frar 1743, jiġifieri meta kellu 32 sena, Francesco żżewweġ lil Tereża Fenech, li kienet qariba tal-pittur Gian Nikola Buhagiar, li miegħu Francesco tgħallem l-arti. Minn dan iż-żwieġ kellu ħames ulied imma fi ftit snin Francesco u Tereża kellhom jgħaddu minn ħafna tbatija minħabba l-mewt ta' tnejn minn uliedhom. Nhar is-27 ta' Mejju 1751, mietet ukoll Tereża u ħallietu bi tliet uliedu żgħar. Dawn kienu Prassede (imwielda fl-1746), Aurelio (imwieled fl-1748) li mexa fuq il-passi ta' missieru u li aktar tard miet ivvelenat, u Luigi (imwieled fl-1750) li kien ġie ordnat saċerdot fl-1774. Mument ieħor diffiċli għal Francesco kienet il-mewt għal għarrieda ta' missieru Pietro Paolo.

### Studju akkademiku

Ftit li xejn nafu fuq l-edukazzjoni li ħa fi tfulitu, għalkemm minn xi ittri li ħalla wara mewtu nafu li Francesco tħarreġ għand il-pittur Gian Nikola Buhagiar. Zahra baqa' qrib dan l-artist, tant li meta mietet martu Tereża, Francesco u uliedu marru jgħixu fl-istess blokk fejn kien jgħix Gian Nikola fi Triq San Pawl fil-Belt Valletta. Iżda xi snin wara, il-familja Zahra marru jgħixu f'dar oħra qrib il-Berġa ta' Kastilja. Francesco baqa' jirrispetta ferm lill-għalliem tiegħu tant li nsibu li meta żżewġet bintu Prassede, Zahra talab lil Gian Nikola biex joqgħod xhud.

Diversi kritiċi tal-arti ma jaqblux fuq jekk Zahra tgħallimx taħt Gian Nikola Buhagiar. Dan joħroġ mill-fatt li Zahra bbaża l-pittura tiegħu fuq l-istil Barokk Naplitan kif ukoll mill-pittura tiegħu jidher ċar li ssupera lill-istess għalliem tiegħu. Xi kittieba tas-seklu dsatax jaqblu li Buhagiar seta' biss introduċa lil Zahra fl-arti għax ix-xogħol ta' dan tal-aħħar huwa ferm iktar tekniku u artistiku. Fil-pittura tiegħu Francesco Zahra juża t-teknika magħrufa bħala *'chiaro scuro'*, jiġifieri s-suġġett prinċipali jkun mdawwal filwaqt li l-isfond tiegħu jkun aktarx mdallam. Minħabba din it-teknika, xi kritiċi oħra



'Il-mewt ta' San Filippu ta' Aggira' - pittura fuq it-tila li tinsab fil-kor tal-Knisja Parrokkjali ta' San Filep f'Ħaż-Żebbuġ.

assoċjaw l-istudju akkademiku tiegħu mal-iskola tal-pittur famuż Franċiż Antoine de Favray f'Napli. Aktar 'il quddiem Zahra kien meqjus bħala l-uniku rivali Malti għall-pittur Franċiż.

Minkejja li kien ġej minn familja ta' artisti, Francesco beda jagħmel isem għalih innifsu fil-qasam artistiku b'mod speċjali fl-arti sagra. Bil-pittura tiegħu żejjen ħafna knejjes, mużewijiet u palazzi fil-gżejjer Maltin. Kien magħruf għas-serjetà kbira li kien jieħu f'kull kummissjoni li kienet tiġi afdata lilu. Fil-*Malta Artistica Illustrata* l-Kan. Vincenzo Caruana Gatto jikteb hekk fuqu: *"Ricevuto l'incarico di un quadro, Zahra meditava seriamente il soggetto, studiava la storia del protagonista, quasi volesse trasportarsi a quell tempo e suo luogo."*

Mill-istudjow tiegħu fi Triq it-Teatru l-Antik, Zahra ħareġ diversi opri artistiċi kif ukoll ħafna disinni li kien jiġi mitlub li jħażżeż. Tajjeb li nsemmu ftit minn dawn l-opri kbar tal-arti. L-akbar pittura li Zahra qatt ħadem tinsab fil-Bażilika Elenjana f'Birkirkara. Dan huwa l-kwadru titulari li juri lil Sant'Elena fil-mument li fih sabet is-Salib li fuqu ġie msallab Ġesù Kristu. Il-buzzett ta' din l-opra kbira kien inxtara minn Mons. Prof. Edward Coleiro, li aktar tard irregalah lill-Mużew tal-Katidral tal-Imdina.

Żewġ opri artistiċi kbar nsibuhom fil-kor tal-Knisja Parrokkjali ta' San Filep f'Ħaż-Żebbuġ. L-ewwel waħda li saret tirrappreċenta l-ordinazzjoni għas-saċerdozju ta' San Filep. Fuq it-tila ta' dan ix-xogħol insibu mniżżel il-kelma '*Donum*' u s-sena 1753. Jingħad li din il-pittura ġiet mogħtija lill-parroċċa minn Zahra stess. Il-pittura l-oħra turina l-aħħar mumenti fil-ħajja ta' dan il-qaddis u kienet lesta fl-1758.

Forsi l-qawwa tal-istil Barokk Naplitan li kien iħaddem Zahra nsibuh l-aktar fil-pittura li turi x-xbiha tal-Madonna tar-Rużarju li hemm fil-parroċċa ta' Ħal Tarxien.



Il-kwadru titulari ta' Sant'Elena fil-kor tal-Bażilika Kolleġġjata ta' Birkirkara.

Eżemplar ieħor qawwi huwa bla dubju l-kwadru li juri lil San Vinċenz Ferreri li jinsab fil-kunvent tal-patrijiet Dumnikani fil-Belt Valletta. Għall-knisja tal-Qrendi ħadem kwadru interessanti għax fih naraw ix-xbihat ta' diversi qaddisin. Dan il-kwadru nistgħu narawh fl-artal ta' San Pawl u fih jidhru San Ġwann il-Battista, San Ġwann l-Evanġelista, San Pawl, Santa Katerina, Santa Lucija u San Nikola. Xogħol Francesco Zahra nsibuh saħansitra

fil-kappella li hemm f'Kemmuna li turi l-ħarba fl-Eġittu tal-Familja Mqaddsa.

Ħafna mill-kummissjonijiet li Zahra kien mitlub li jaħdem matul ħajtu kienu jirrappreżentaw lil San Pawl. Propju waħda mill-ewwel pitturi tiegħu nsibuha fil-kappella ta' San Pawl tat-Tarġa fin-Naxxar u turi lill-Appostlu Pawlu mdawwar bil-Maltin li laqgħuh u fl-istess ħin lifgħa tidher taqbad ma' idejh mingħajr ma jiġrilu xejn. Xbiha oħra ta' San Pawl li Zahra pitter nsibuha fis-Seminarju l-antik fl-Imdina u turi lil dan l-appostlu donnu jbierek il-belt tal-Imdina li tidher fl-isfond bil-bandiera Maltija fuq is-swar tagħha. Fuq il-blat in-naħa t'isfel ta' dan il-kwadru tidher impittra s-sena 1755, is-sena li fiha nħadem dan ix-xogħol. Għall-Katidral tal-Imdina ħadem diversi xogħlijiet li ġew ikkummissjonati lilu mill-istess Kapitlu kif ukoll mingħand l-Isqof Pawlu Alpheran de Bussan. Dawn insibuhom fil-kappella tas-Sagrament, f'dik tas-Salib Imqaddes u fl-artal tar-Repożizzjoni li jiġi armat fil-Ġimgħa Mqaddsa.



'In-Nawfraġju ta' San Pawl' - pittura li tinsab fil-kappella ta' San Pawl tat-Tarġa fin-Naxxar. Dan il-kwadru Zahra pittru fil-bidu tal-karriera artistika tiegħu meta kien għadu taħt l-influwenza ta' Mattia Preti.

Żgur li l-kapolavur ta' Zahra huwa l-Glorja ta' San Pawl li huwa pitter fis-saqaf tal-Awla Kapitulari tal-Katidral tal-Imdina. Permezz tal-kompożizzjoni u l-moviment li fih dan ix-xogħol artistiku kbir, Francesco laħaq il-milja tal-ġenju artistiku tiegħu.

Zahra kien imfittex ħafna wkoll biex ipitter xbihat ta' nies prominenti. Fost il-ħafna li ħadem insemmu dak tal-Isqof Pellerano li jinsab fil-Mużew Wignacourt fir-Rabat, dak li juri lil Fra Domenico Mainardi li kien il-Gran Prijur ta' San Ġwann. Pitter erba' ritratti tal-Isqof Alferan de Bussan li jinsabu wieħed f'Ħaż-Żebbuġ, ieħor il-Mellieħa, ieħor fis-sala tas-Seminarju tal-Imdina u ieħor f'kollezzjoni privata. Fil-kappella l-antika ta' dan l-istess Seminarju nsibu wkoll pittura-ritratt tal-Gran Mastru Manoel de Vilhena. Għall-parroċċa ta' Ħal Tarxien kien pitter lil Dun Giovanni Barbara fl-1759 kif ukoll awto-ritratt tiegħu nnifsu. Peress li kienet komuni għalih li fuq il-kwadru jniżżel biss is-sena ta' meta nħadem mingħajr ma jiffirma ismu, matul is-snin kien hemm diversi pitturi oħrajn li ġew attribwiti lilu.

Xi kritiċi tal-arti jgħidulna li Francesco Zahra ħadem ukoll xogħol ta' skultura. Insibu li meta fl-1772 waslet f'Malta l-istatwa ta' San Bartilmew kien Zahra li ġie kkummissjonat biex jirfinaha. Meta wasslet l-istatwa kienet għada njam u allura Francesco kellu l-inkarigu li japplika l-kumplament tal-proċessi kollha biex seta' joħroġ il-ġmiel u s-sbuħija ta' din l-opra tal-arti. Zahra jissemma wkoll f'xogħol ta' skultura li ħadem missieru Pietru Pawl għall-parroċċa ta' Ħaż-Żebbuġ kif ukoll f'Ħal Balzan fejn kien iddisinja u ħadem żewġ kandelabri kbar.

Fil-parroċċa tagħna nsibu żewġ pitturi tiegħu li saru lejn nofs is-seklu tmintax. Dawn jinsabu fis-sagristija tar-Rotunda tal-Mosta. Wieħed juri lil San Ġwann l-Evanġelista bil-qegħda fuq blata b'ħarstu 'l fuq lejn is-sema fejn fl-isfond tidher il-Kunċizzjoni fil-kantuniera tax-xellug tal-kwadru. Jingħad li fis-snin l-imgħoddija kienet issirlu festa kompluta wkoll bil-għasar. Dan il-kwadru jixbaħ ferm xogħol ieħor ta' Zahra li fih ukoll jidher San Ġwann l-Evanġelista u li jinsab fil-kappella ddedikata lilu f'Baħar iċ-Ċagħaq. Eżemplar ieħor mill-isbaħ juri lill-qaddis San Kalċidonju.

Francesco Vincenzo Zahra miet fid-19 t'Awwissu 1773, fil-għomor ta' 63 sena. Mewtu hija rreġistrata fid-dokumenti tal-Knisja Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu tal-Belt Valletta fejn hu wkoll midfun.



Il-kwadru tond ta' San Kalċidonju li jinsab ukoll fis-sagristija tal-Knisja Arċipretali tal-Mosta.



Il-pittura li turi lil San Ġwann l-Evanġelista li tinsab fis-sagristija tar-Rotunda tal-Mosta.

***Referenzi:***


Calleja Giuseppe, *The Works of Art in the Churches of Malta*, 1881.

Dr. Zammit Nicola, *Biografie*, L'Arte, 22 Novembru 1864.

Ferris Achille, *Descrizione Storica delle Chiese di Malta e Gozo*, 1866.

Bonello Vincenzo, *Sacred Art in Malta*, 1960.

Caruana Gatto Kan. Vincenzo, *Malta Artistica Illustrata*, 1905.

Cutajar Domenico, *Artists of the Buhagiar and Zahra Families*, The Times, 1980.

Panzavecchia Fortunato, *Dizionario Enciclopedico*.

Hajr lil Joseph GM Borg, storiku tar-Rotunda, għat-tagħrif fuq iż-żewġ kwadri li hemm fis-sagristija.